MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 3024/2002

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikura taghha Carmel Saliba u l-istess Carmel Saliba**

**Vs**

**Christopher Pace**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas ta' mitejn u erba' u hamsin lira Maltija u erba' u sebghin centezmu (Lm254.74) rappresentanti danni li sofrew u dana in kwantu ghas-somma ta' Lm229.74 mis-socjeta attrici assicuratrici u Lm25 minn Carmel Saliba, meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru ENE 049 fit-8 ta' Gunju 2000 fil-limiti ta' Hal Qormi habat mal-

vettura numru FAB 726 propjeta ta’ Carmel Saliba u kkagunalha danni.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha kkontesta r-responsabbilta ghall-incident meritu tal-kawza.

Semgha x-xhieda.

Ra l-atti.

Ikkunsidra:

1. It-Tribunal huwa rinfaccjat b’zewg verzjonijiet dijametrikament opposti ghal xulxin:-

[a] L-attur ighid li kienet il-vettura tieghu li kienet ipparkjata u l-vann misjuq mill-konvenut baqa’ diehel fiha;

[b] Il-konvenut ighid li kien ghaddej minn Triq il-Habbiez, Qormi u l-vettura ta’ l-attur qalghet mill-*parking* u baqghet diehla fil-vann.

2. Min jallega jrid jipprova. Ghalhekk jispetta ghall-attur li jaghti prova li l-konvenut huwa responsabbli ghall-incident meritu tal-kawza.

3. Huwa minnu li l-konvenut xehed li fil-hin ta’ l-incident il-vann kien wieqaf magemb il-vettura ta’ l-attur jistenna sakemm ighaddi vann iehor li kien gej mill-faccata. Fl-okkorrenza li ghamel l-ufficjal tal-pulizija li investiga l-kaz naqraw: *“Christopher Pace stated that he was proceeding through Triq il-Habbiez and vehicle No FAB 726 who was parked on his left suddenly drove and collided into him”*. Min-naha l-ohra l-konvenut xehed li fil-hin ta’ l-incident il-vettura tieghu kienet ipparkjata dritta ma gemb vettura ohra. Fatt li m’huwiex konfortat mill-iskizz li sar mill-pulizija li investiga l-kaz [ara fol. 5] u li juri l-vettura ta’ l-attur f’posizzjoni angolata. Pozizzjoni li fil-fehma tat-Tribunal tati konfort iktar lit-tezi tal-konvenut, ghaliex tati x’tifhem li kienet il-vettura tal-attur li qalghet. Dan mehud in konsiderazzjoni li l-attur xehed li huwa kien ipparkjat u l-vettura tieghu kienet dritta.

4. Illi anke d-danni li gew riskontrati fuq iz-zewg vetturi jaghtu konfort ghat-tezi tal-konvenut. Il-vettura ENE 049 kellha hsara fil-*“left front door and scratches on left rear door”*, mentri l-vettura ta’ l-attur kellha hsara fil-*“bumper, right front mudguard and indicator”* [ara fol. 3 u *survey report* a fol. 6]. Wiehed jifhem li kieku l-incident sehh bil-mod li ddeskrivih l-attur il-hsarat fil-vettura tieghu kienu jkunu tul il-gemb u mhux lokalizzati fil-parti ta’ quddiem.

5. It-Tribunal jistqarr li mill-provi li tressqu m’huwiex moralment konvint li li l-verzjoni tal-fatti ta’ l-attur ghandha titwemmen ghas-skapitu ta’ dik moghtija mill-konvenuta. M’hemm l-ebda fattur li jwassal lit-Tribunal sabiex jikkonkludi li l-kawza prossima ghall-incident kien is-sewqan tal-konvenut. Jissemma wkoll li x-xhieda moghtija minn Joseph Magro [li kien riekeb fil-vettura misjuqa mill-attur] ma tistax tkun ta’ konfort ghaliex irrizulta li huwa ma rax il-habta ssehh. Fil-fatt, fil-hin ta’ l-incident kien fuq in-naha l-ohra tat-triq u semgha biss hoss. Li qal kien li l-vettura ta’ l-attur baqghet fl-istess posizzjoni li kienet meta niezla minnha. Madankollu lanqas ma kien cert jekk il-vettura ta’ l-attur kenitx angolata jew dritta.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddecidi l-kawza billi jichad it-talba ta’ l-atturi, bl-ispejjez kontra taghhom.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------